MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 947/2012

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1358/12 fl-ismijiet:

Avukat Joseph J. **VELLA** bħala mandatarju speċjali ta’ s-soċjeta’ estera Societa’ Aereoporto Catania S.p.A. (Numru ta’ Reġistrazzjoni 01253590879)

vs

**PB LEASING AIRCRAFT NO. 23 (IRELAND) LIMITED**
u Wind Jet S.p.A.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija eżekutata PB Leasing Aircraft No. 23 (Ireland) Limited fl-20 ta' Settembru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ssib li ma kienx meħtieġ li l-istess eżekutanti titlob il-ħruġ tal-imsemmi Mandat u li t-talba magħmula mill-eżekutanti kienet waħda maħsuba b'ħażen u/jew b'mod fieragħ u/jew biss biex idejjaq; u (iii) tikkundanna lill-intimata eżekutanti tħallasha penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Settembru, 2012, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutata fiż-żmien li tagħtiha l-liġi;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat *nomine* eżekutanti fl-4 ta' Ottubru, 2012, li biha, u għar-raġunijiet hemm b'mod elaborat minnu mfissra, qal li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex it-talbiet tal-eżekutata jmisshom jintlaqgħu, la dwar it-tħassir tal-Mandat u lanqas dwar il-kundanna għall-ħlas ta' penali;

Rat l-atti kollha tar-rikors, tal-Mandat li għalih jirreferi u tal-atti ġudizzjarji u provvedimenti oħrajn li huma marbuta mal-proċedura tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) u l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju u għall-kundanna tal-parti li ħarġet il-Mandat biex tħallas penali lill-parti eżekutata;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li fl-20 ta' Awissu, 2012, l-intimat *nomine* (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutanti") talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju ta' Arrest ta' Inġenji tal-Ajru dwar pretensjoni

għal mhux anqas minn miljun euro[1] kontra l-kumpannija rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutata") għas-somma ta' miljun tliet mija u disgħa u ħamsin elf tmien mija u erbgħa u sittin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€ 1,359,864.85) b'ħarsien ta' pretensjonijiet dwar "*landing fees* u spejjeż oħra għall-użu ta' l-ajruport ġewwa Catania ġestit mis-soċjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-ajruplan li tiegħu qiegħed hawn jiġi mitlub l-arrest, oltre l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv, liema pretenzjoni ser tiġi dedotta permezz ta' kawża appożita";

Illi, fil-5 ta' Settembru, 2012, l-eżekutata ressqet Ċedola ta' Depożitu għas-somma ta' € 1,360,424.05 bil-ħsieb li l-imsemmi Mandat jitħassar[2]. Bis-saħħa tal-imsemmija Ċedola, dak inhar ukoll inħareġ il-Kontro-Mandat relattiv[3]. Sadattant, fis-6 ta' Settembru, 2012, l-eżekutata ressqet talba biex, fost l-oħrajn, il-Qorti ssib li l-Mandat ma setax jinħareġ u biex tawtorizzaha tirtira s-somma mqiegħda minnha biċ-Ċedola ta' Depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti[4];

Illi l-14 ta' Settembru, l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat mertu ta' din il-proċedura[5]. Bl-istess kawżali bħal dik fil-Mandat li nħareġ fl-20 ta' Awissu u li tħassar bil-Kontro-Mandat tal-5 ta' Settembru, dan il-Mandat inħareġ lil sekwestratarju wieħed, jiġifieri r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ta' Malta;

Illi fit-3 ta' Ottubru, 2012, din il-Qorti (diversament presjeduta) tat degriet li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-talbiet magħmulin lilha mill-eżekutata bir-rikors tagħha tas-6 ta' Settembru, 2012[6];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet.

[1] Mandat 1224/12JM, Dok "A", f'paġġ. 16 – 20 tal-atti
[2] Dok "B", f'paġ. 21 tal-atti
[3] K/Mand. 1309/12JM Dok "Ċ", f'paġġ. 22 – 3 tal-atti
[4] Dok "F", f'paġġ. 42 sa 53 tal-atti
[5] Dok "D", f'paġġ. 24 – 5 tal-atti
[6] Dok "Ġ", f'paġġ. 88 sa 93 tal-atti

Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[7];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talba tagħha fuq kawżali waħda:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, r-rikorrenti eżekutata tgħid li l-fatt li hija qiegħdet is-somma b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti għandha tkun raġuni tajba biżżejjed biex din il-Qorti tilqa' t-talba tagħha u tħassar il-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontra tagħha;

Illi l-eżekutanta twarrab dan ir-raġunament billi tgħid li kieku ma kienx għall-Mandat ta' Sekwestru, kieku s-somma mqiegħda mill-eżekutata b'Ċedola tista' f'kull waqt tinġibed lura mill-istess eżekutata u ma jifdal xejn biex iħares il-pretensjonijiet tal-eżekutanti. Tisħaq ukoll li l-Mandat ta' Sekwestru kien maħsub biex iżomm milli s-somma mqiegħda bil-mezz taċ-Ċedola tkun tista' tinġibed mid-depożitanta eżekutata jew f'każ li jingħata degriet li kiien jgħid li l-Mandat ta' Arrest tal-inġenji tal-ajru ma kienx inħareġ sewwa. L-eżekutanti ttenni li għażlet li toħroġ il-Mandat f'idejn sekwestratarju wieħed;

Illi huwa stabilit u ilu magħruf li biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att

[7] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

kawtelatorju ieħor". Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn "assi żguri" li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulati mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti[8]. Il-ġid garanti jrid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu[9], dak il-ġid ikun disponibbli u rejalizżabbli[10];

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[11];

Illi l-Qorti tqis li l-Mandat mertu ta' din il-proċedura nħareġ wara li l-eżekutata kienet kisbet il-ħruġ tal-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Arrest tal-ajruplan u biex dak l-inġenju sata' jitlaq minn Malta. Is-somma mqiegħda b'Ċedola kienet il-"prezz tal-fidwa" għall-ħruġ tal-imsemmi Kontro-Mandat. Għalhekk, ma jistax jingħad li l-eżekutanti għandha xi garanzija b'xi mandat kawtelatorju ieħor, ladarba l-ewwel Mandat li ħarġet tħassar. Fit-tieni lok, il-garanzija li ssemmi l-eżekutata m'hijiex waħda bankarja marbuta mal-pretensjoni speċifika tal-eżekutanti, iżda tikkonsisti f'somma li, sa ma xiħadd jitlob b'jedd li jiżbankaha, tista' tinġibed lura mill-eżekutata nnifisha u b'hekk ma tibqax disponibbli aktar għall-eventwali kredituri tal-eżekutata. Fit-tielet lok, il-Mandat issa attakkat mill-eżekutata m'huwiex mandat ieħor maħruġ biex jorbot xi ġid ieħor tal-eżekutata, iżda wieħed maħruġ wara li kien tħassar l-ewwel Mandat tagħha u maħsub għal kollox biex ma jħallix li s-somma depożitata tinġibed lura u tittieħed minn min iddepożitaha. Fil-fehma tal-Qorti, huwa biss bis-saħħa tal-Mandat ta' Sekwestru u sakemm ikun għadu fis-seħħ li l-garanzija mogħtija bis-somma depożitata permezz taċ-Ċedola tista' tibqa' ta' xi siwi għall-kreditur eżekutant;

---

[8] P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***
[9] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[10] P.A. TM **20.3.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd***
[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***

Illi l-eżekutata ma semmietx xi sura oħra ta' garanzija disponibbli biex iġġib iż-żamma fis-seħħ tal-Mandat ta' Sekwestru waħda mhix aktar xierqa;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda t-talba tal-eżekutata għall-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[12], irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[13]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[14]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. F'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata tqis li l-Mandat ta' Sekwestru li tiegħu taħbet it-tħassir inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi fuq dan l-ilment, ir-rikorrenti eżekutata tqis li l-ħażen tal-intimata eżekutanti joħroġ mill-fatt li l-Mandat talbitu wara li kienet kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest tal-inġenju tal-ajru b'mod abbużiv u bla ebda jedd, kienet qiegħda tipprova tantiċipa d-deċiżjoni ta' qorti dwar is-siwi ta' ħruġ ta' dak l-ewwel Mandat biex, tkun xi tkun id-deċiżjoni, s-somma tibqa' miżmuma f'Malta u l-eżekutata tiċċaħħad mill-użu mistħoqq tagħha;

---

[12] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

[13] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

[14] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tifhem li l-eżekutata qiegħda tirreferi għall-proċeduri li kienet bdiet fis-6 ta' Settembru, 2012, biex iġġib dikjarazzjoni mill-Qorti li l-Mandat maħruġ mill-eżekutanti fl-20 ta' Awissu, 2012, ma kienx jiswa u nħareġ bi ksur tal-liġi. Issa, din il-Qorti tqis li, kif tirrileva l-eżekutanti, b'degriet mogħti fit-3 ta' Ottubru, 2012, din il-Qorti (diversament presjeduta) waslet għall-fehma li l-Mandat ta' Arrest ma kienx inħareġ b'mod illegali, u lanqas laqgħet it-talba tal-eżekutata biex tirtira minn idejn ir-Reġistratur tal-Qrati s-somma li kienet iddepożitat biċ-Ċedola tal-5 ta' Settembru. Dan iġib li l-kawżali ewlenija tal-eżekutata – jiġifieri li l-Mandat ta' Arrest inħareġ bi ksur tal-liġi jew b'mod abbużiv – ma tibqax tgħodd aktar. Ladarba l-eżekutata tibni l-argument tagħha dwar il-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas tal-penali kollu kemm hu fuq il-ħruġ abbużiv ta' Mandat li rriżulta li ma kien abbużiv xejn, waħedha toħroġ il-konklużjoni li lanqas ma jista' jingħad li l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru attakkat f'din il-proċedura kien xi għamil abbużiv, fieragħ jew maħsub biss biex idejjaq lill-eżekutata;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[15]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[16];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata PB Leasing Aircraft 23 (Ireland) Limited billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħha kollha, għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż kontra l-istess rikorrenti**

Mogħti kameralment illum, 21 ta' Diċembru, 2012.

---

[15] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------